L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Pubblikazzjoni: Il-Gimgha, 9 ta' Mejju, 2003

## L-Unjoni u l-*Labour*

L-elezzjoni ghaddiet u bil-mod il-mod, kollox qed jirrisolva ruhu. Hemm hafna kwistjonijiet ta' politika lokali li ghadhom miftuhin berah u li lkoll qeghdin nistennew biex nibdew inqisu li ergajna lura b'politika lokali stabbli u soda. Hemm biss it-tmexxija mhux ta' partit wiehed, imma tat-tnejn, anki jekk forsi tal-Partit Laburista hi iktar imminenti. Imbaghad inqis ukoll li, dejjem tibqa' tberren f'mohh l-elettorat, u, iktar u iktar, f'dak tan-Nazzjonalist, jekk bl-U.E. b'kollox, il-Gvern tal-PN hux se jirnexxilu jwettaq il-weghdiet li ghamel, ghalkemm digà bdew hergin is-sorprizi specjalment fl-edukazzjoni.

Imma llum xtaqt nitkellem dwar ir-rebha tal-*Labour*. Iva, qrajtu sew! Ir-rebha tal-*Labour* ! Il-politika nikkunsidraha bhala loghba tac-cess. Tac-cess, ghax din il-loghba mhix sempliciment mod kif tqatta' l-hin; mibnija biss fuq loghba ta' intelligenza, koncentrazzjoni, esperjenza u sengha.

Ghandek l-"irgejjen" u r-"rejiet" u z-"zwiemel" u l-"kastelli", u ghandek hafna modi kif tista' zzerzaqhom minn naha ghal ohra. Ma tridx tahseb biss b'mossa wahda 'l quddiem imma tnejn, tlieta, erbgha jew aktar. Skond kemm int kapaci. Trid ukoll tanticapa l-mossa ta' l-avversarju jkun qed jaghmel ezattament l-istess anticipazzjonijiet u jkun ta' l-istess statura.

U fil-loghba cess kbira li ghadu kif laghab pajjizna; fuq naha tal-mejda kien hemm il-PN u l-UE u parti mill-poplu Malta, filwaqt li n-naha l-ohra, kien hemm l-*MLP* u parti mill-poplu Malta. Il-poplu, m'ghandniex xi nghidu, huwa l-element li m'ghandu xejn x'jaqsam mal-hassieb li qieghed imexxi l-"irgejjen" u nistghu nqisuh bhala biss udjenza jew partitarji – imma b'differenza mil-loghba vera fil-politika, fl-ahhar mill-ahhar, l-udejnza tghodd! L-inqas li hasbet matul il-loghba!

Imma r-rebha tal-*MLP* fil-fatt tigi hawnhekk. Kif ghedt qabel, bhal f'loghba cess, l-avversarju tieghek ikun qed jibni l-mossi biss skond il-provvedimenti li qed jaghmel fuqek. Jekk l-avversarju jahseb li, jekk jaghmel mossa flok ohra, jista' jingheleb, allura, ma jaghmilx dik il-mossa, imma jaghzel ohra.

Ghalkemm il-politika ta' *Partnership* kienet tidher li hija l-politika ta' l-*MLP* u, li ultimament, ma rebbhitx lill-partit – il-politika ta' *Partnership* rebbhet patt ta' "Shubija Shiha" ahjar lill-Maltin! Kieku l-Partit Laburista m'opponiex patt ta' "Shubija Shiha", kieku povru l-poplu! Kieku l-Gvern tal-PN kien ikollu hafna inqas ghal xiex joghgob jew jaghti widen lill-poplu! Bhal ma gieli gara, fejn gruppi ta nies jintlaqtu hazin minn decizjoni jmorru ghand partit jew iehor. Ghajb ikun ghalihom jekk iz-zewg partiti jaqblu dwar dik id-decizjoni li mhix fl-interess taghhom.

Ghalkemm il-politika tal-PN, ghal min m'ghandux daqshekk esperjenza fl-istrategija politika, tista' tidher distakkata u maqtugha totalment minn "Shubija Shiha" u, ghalkemm l-*MLP* seta' deher passiv jew li kien qed jagixxi, f'xi punt, fl-inqas interess ta' pajjizna jekk stess Malta ssir parti mill-Unjoni – nghidilkom li ghandkom zball kbir! L-assenza ta' rapprezentanti tal-Partit Laburista tat iktar importanza lill-Partit Laburista u per konsegwenza, lill-poplu Malta kollu!

Biex il-PN u l-Unjoni rebhu l-elezzjonijiet generali, riedu jintoghgbu ma' l-udjenza, li huma l-votanti kolha, riedu joffru pakkett, ghalkemm fid-dehra, ahjar minn dak tal-*MLP*.  Kieku ma kienx hekk, ftit li xejn kienet tinholoq il-kompetizzjoin ta' min joffri l-aktar!

Bil-passiva tieghu, l-*MLP* fi Brussels hadem hemm aktar milli kieku mar hemm! Kieku Fenech Adami kien accetta hafna mill-kundizzjonijiet qabel, b'inqas hsieb u jekk illum huwa 50% tajjeb bla

oppozizzjoni min-naha tal-*MLP*, kien igibu 30% tajjeb jew inqas. Probabbilment l-iktar personalità prezenti fost in-negozjati fl-UE u li kienet fuq mohh kulhadd, kien Dr A Sant u l-*MLP* – iktar milli kieku l-*MLP* kien prezenti u seta' giet b'xi mod injorat! Kull manuvra u kundizzjoni li nnegozjaw zgur li hadet in-konsiderazzjoni l-prezenza ta' partit li qed jiddefendi l-poplu u l-helsien ta' pajjizna fost il-Maltin stess!

Kieku l-*MLP* nesa lill-poplu Malti fi zminijiet bhal dawn u dawwar harstu lejn l-Unjoni biss, kif sa certu punt ghamel il-PN (ghalkemm xorta ma setax jaghmel dan ghax kien hemm l-*MLP*, "*back at home*"), kieku l-oppozizzjoni kienet tinholoq fost l-udjenza stess u tal-mejda tac-cess, u kien igerger il-poplu.

Imma permezz ta' l-*MLP* illum il-gurnata nistghu nsejhu lill-poplu Malti, dak il-poplu l-iktar infurmat u li kellu l-ikbar gharfien dwar l-effetti hziena li seta' jkollha shubija shiha fuq pajjizu. Huwa wkoll l-iktar poplu li kellu kollox mifrux fuq platt, u li ghada pitghada jkun jista' jikkudanna lilu nnifsu meta jara li certi zvantaggi li kien avzah bihom l-*MLP* fil-fatt laqtuh hazin personalment.

Din hija r-rebha ghall-poplu kollu Malti – ta' l-*MLP*. Ghalkemm, il-politika ta' *partnership* setghet tilfet, anki jekk shubija shiha rebhet, il-politika ta' *partnership* kienet l-iktar element li seta' qatt tejjeb il-kundizzjonijiet li ngabu fit-"Tratta". Ma jfissirx li l-prezz li hallasna ghal dan it-"Trattat" ma jibqax gholi esagerat, ghax Malta taghna ma tiswiex Lm82 miljun fuq tliet snin.

*Ghal kummenti jew suggerimenti iktbuli fuq lornav@onvol.net*